# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 11**

**23 ta' Awwissu 2017**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-3.00pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi Sindku
Horace Micallef – Kunsillier
Carmel Farrugia – Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 11.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

11.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa u għalhekk ma kienx hemm ittri ta'Apoloġiji. Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

### 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

11.2.1 Kien hemm xi tibdil żgħir imressaq mill-Kunsillier Horace Micallef dwar dak li ntqal fuq iż-*Zebra Crossing* li trid issir fi Triq Kappillan Guzepp Hili. Dan għaliex semma li TM qatt ma rċeviet din it-talba mill-Kunsill. Is-Sindku rrimarka li din it-talba kienet ġiet imressqa u approvata fil-Kunsill pero' t-talba baqgħat ma ntbagħtitx lil TM mis-Segretarju preċedenti. Il-Kunsill imbagħad approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tal-31 ta' Lulju 2017.

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li inġibdet l-attenzjoni mid-DLG dwar l-istruttura tal-Agenda u l-minuti b'referenza għal Ċirkulari numru 36/2016. Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa x'jiġri fin-nuqqas tal-item b'titlu ta' 'Korrispondenza' f'kas li jkun hemm xi memo li bħala kunsillier jixtieq iqajjem waqt il-laqgħa. Is-Segretarja wieġbet li se tibda titniżżel item bl-isem 'tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera'. Dan sabiex il-Kunsilliera kollha jkunu jistgħu jressqu l-punti tagħhom waqt il-laqgħa.

### 11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Mis-Sindku Saviour Borg:

11.3.1 Is-Sindku rrimarka li ma hemmx għalfejn nixtru Bollard li tkun tinqala' għaliex hemm diġa tnejn jinqalgħu f'Wied Siekel. Għalhekk il-membri qablu li nixtru waħda li tkun fissa.

11.3.2 Saret in-*noticeboard* il-ġdida u twaħħlet fi Triq il-Kappillan Guzepp Hili. Bdew jitwaħħlu fiha l-avviżi tal-Kunsill u *posters* ta' informazzjoni li jaslu fil-Kunsill. Ġiet ordnata *sticker* bl-isem tal-Kunsill sabiex din titwaħħal ġewwa n-*noticeboard*.

11.3.3 Saru s-sinjali s-sofor mal-propjeta' tas-Sinjura Karmena Said kif hu approvat fil-permess moħruġ minn TM, fi Triq l-Isptar San Giljan.

11.3.4 Beda x-xogħol tal-bini tal-aħħar 35 metru fi Triq John Gaspard Le Merchant, mill-kumpanija *Road Construction* li naghtat l-offerta. Hemm problema fejn ser imur id-drenaġġ ta' residenza milli hemm f'din il-parti tat-triq. Jekk ma tinstabx soluzzjoni trid

issir sistema ġdida għal Triq Santa Dminka. Għalhekk ser issir laqgħa bejn is-Sindku, il-Perit Toni Bezzina, il-Perit Johan f'isem il-kuntrattur u l-Enġinier Camilleri tal-WSC.

11.3.5 Is-Sindku semma li minħabba l-fatt li qed jintrema l-monti fi Pjazza Savina, l-pulizija qed tagħlaq it-triq u bħala riżultat ta' dan, żdied it-traffiku li jgħaddi għal Triq il-Kappillan Guzepp Hili. Il-Kunsillier Horace Micallef żid jgħid li ma hemmx permess minn TM sabiex tingħalaq it-triq. Is-Sindku rrimarka li bil-liġi tal-Kunsilli, meta jkun se jsir xi tibdil fit-traffiku, wieħed għandu jikkonsulta mal-Kunsilli ġirien. Għalhekk, il-membri qablu li għandna niktbu ittra lill-Kunsill tar-Rabat sabiex nressqu l-ilment u tħassib tagħna.

11.3.6 Inbiddlu parti mill-*floodlights* tal-Kampnar, kif kien sar qbil mill-kunsill.

11.3.7 Is-Sindku staqsa dwar il-korsijiet tal-*Lifelong Learning*. Is-Segretarja nfurmat lill-membri li ma tkunx taf eżatt kemm applikaw għaliex wieħed jista japplika online jew imur l-iskola tax-Xewkija stess. Pero' jidher li suppost se jsiru ż-żewġ korsijiet, dak tal-*patchwork* kif ukoll dak tal-Bizzilla.

11.3.8 Dwar id-devoluzzjoni tal-Għejjun u l-madwar huwa qal li għandna niktbu lill-Onor. Silvio Parnis, Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali, biex jintervjeni peress li l-kunsill għadu bla risposta għat-talba li għamel biex dawn l-Għejjun jiġu devoluti lill-kunsill.

11.3.9 Is-Sindku informa l-membri li fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun Għawdex li, wara intervent tiegħu u tas-Sindku ta' Kercem, li ilmentaw li l-kunsilli ż-żgħar ser jieħdu biss €4000 kull wieħed, ġie deċiż li l-kunsilli preżenti għal-laqgħa li saret fl-14 t'Awwissu, peress li dik imsejħa fil-bidu t'Awwissu ma kienx hemm *courum*. Issa ġie deċiż li l-Kunsilli li kienu preżenti għandhom jieħdu €8,800 u dawk il-Kunsilli li kienu assenti għandhom jieħdu €3,000. Dan kien hemm €100,000 fondi għal xogħlijiet ta' tarmak.

11.3.10 Inbidlu x-xtieli ta' Triq John Gaspard le Merchant ta' ħdejn ta' Bendu kif ukoll dawk Sqaq ta' Kaput. Ix-xtieli li tpoġġew f'ta Kaput reġgħu nsterqu.

11.3.11 Is-Sindku nforma l-membri li tneħħa t-terrapin ta' taħt ir-*railing* l-isfel mill-knisja li kienu ilu hemm għal xi żmien, wara li ġie avviċinat s-sid.

11.3.12 Semma li nżebgħu s-sinjali tat-traffiku ta' Triq il-Għajn u Triq il-Kappillan Guzepp Hili pero' fakkar li jkun tajjeb jekk nitolbu sabiex jerġgħu jinżebhu s-sinjali sofor ta' fejn sar il-patching sabiex isiru tajjeb u f'linji dritti, kif ukoll dawk sofor ta' Triq l-Isptar San Giljan u Triq il-Ghajn.

11.3.13 Hemm bżonn li tinkesa tappiera biż-żingu li hemm fi Triq l-Isptar San Ġiljan ħalli nnaqqsu mir-riħa li titla' minnha.

11.3.14 Twaħħlet il-plakka li hemm maqlugħa fi Pjazza l-Għejjun li tfakkar ix-xogħolijiet li saru fi Triq ix-Xlendi, mill-Gvern Ċentrali b'fondi Ewropej.

11.3.15 Talab sabiex nitolbu lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jinkesa l-ħajt tal-Bricks li kienu bnew minflok il-ħajt tas-sejjiegħ li hu Natura 2000. Dan il-ħajt kien tneħħa xi 4 snin ilu waqt xogħlijiet fl-inħawi sabiex għaddew il-*cables* u dak li nbena baqa' qatt ma nkesa. Il-membri tal-kunsill qablu li dak ix-xogħol sar mill-Enemalta u għalhekk it-talba ser tintbagħat lill-Enemalta. Informa wkoll lill-membri li ltaqa' mas-CMU biex urihom fejn hemm il-ħajt tas-sejjiegħ uffiċjali, ħdejn l-Għajn il-Kbira, li jrid jitranġa.

11.3.16 Bdiet issir il-manutenzzjoni tal-Latrina billi tiġi mbajda mill-ġdid mill-ħaddiema tal-kunsill. Kif ukol nixtru *stickers* b'tabella 'Toilet' sabiex jitwaħħlu mal-bieb tal-Latrina. Il-ħaddiema tagħna qegħdin jizbħgu l-bieb u bdew jizbgħu wkoll il-ħitan ta' ġewwa. Se jsir ukoll il-manutenzjoni tal-*flushings* u affarijiet oħra li jkun hemm bżonn.

11.3.17 Niġbdu l-attenzjoni tal-ERA dwar l-impatt li se jkollu fuq il-lokalita' t-traġitt tad-demel li jgħaddi mil-lokalita' tagħna sabiex imur il-Munxar fid-demmiela li ser issir hemmhekk.

11.3.18 Is-Sindku ppropona ħarġa għan-Notte Bianca li ssir fis-7 ta' Ottubru u oħra għal Armier xi ġurnata wara nofsinhar, f'Settembru.

Mill-Kunsillier Mario Mercieca:

Il-Kunsillier Mercieca ressaq l-ilment illi xi djar fi Triq il-Kappillan Guzepp Hili ma rċevewx in-nota tal-ġbir tal-iskart u ma kienux avżati li mhux se jinġabar f'Santa Marija. Is-Segretarja ħadet nota sabiex meta jkunu se jerġgħu jitqassmu xi karti , nkunu nistgħu niġbdu l-attenzjoni.

Rimarki mis-Segretarju Eżekuttiv:

Fl-20 ta' Lulju, il-kunsill innota li kienet inqalgħet parti mit-triq fi Triq il-Kappillan Guzepp Hili, propju l-għada li kien għadu kif intemm ix-xogħol ta' *patching* fl-istess triq. X'ħin iċċekjat mal-kuntrattur, is-segretarju eżekuttiv ġiet informata li dan kien imqabbad mill-Ministeru għal Għawdex. Dan għalhekk ifisser li l-ministeru għamel xogħol fi triq li taqa' taħt ir-responsabilta' tal-kunsill mingħajr ma ġie nfurmat il-kunsill. Għalhekk il-kunsill talab spjegazzjoni bil-miktub mingħand il-kuntrattur. Risposta għal din it-talba għadha ma waslitx.

Fit-18 t'Awwissu l-kunsill informa lil Amity Gauci bħala kap tal-Intervention Unit kif ukoll lill-Assistent Direttur tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żviluppi, Lorry Apap, dwar *railing* u l-ħajt ta' taħtu li jinsabu f'periklu imminenti li jċedu għal isfel. Wieħed irid jgħid li dan il-periklu mhuwiex viżibli mit-triq u għalhekk huwa faċli li wieħed xorta

jmur iżomm miegħu u jċedi bih. Dan jidher ċar fir-ritratti li ntbagħtu lill-Ministeru għal Għawdex. S'sissa x-xogħol għadu ma sarx.

Fit-8 ta' Awwissu, ġejna nfurmati mingħand il-Planning Authority li ġew sottomessi emendi fl-applikazzjoni b'referenza, PA/01994/17 – 'Reconstruction of room existing prior to 1978' . Il-Kunsill qabel li għandna nressqu l-punti tagħna sabiex din il-kamra tinbena bil-ġebel tas-sejjiegħ u bil-ġebla tal-franka ħalli tiġi taqbel mal-kumplament tal-kamra innifisha kif ukoll mal-ambjent. Wieħed irid isemmi wkoll li din il-kamra qegħda f'zona meqjusa bħala Natura 2000.

## 11.4 Contract Management Fees

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li hemm żewġ kuntratturi li ma tnaqqsitilhomx il-5% *management fee* kif stipulat fil-kuntratti rispettivi. Il-kuntratt tal-Latrina ġie terminat u għalhekk l-ammont ta' €242.86 ser jitnaqqas mill-kontijiet pendenti li huma dovuti lilu. Il-garanzija bankarja ġiet miżuma a favur tal-Kunsill kif ġie maqbul fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

Il-Kuntratt tal-ġbir tal-iskart kien għolla l-ħlas għal kull ġabra propju kif kien stipulat fl-istess kuntratt innifsu, jiġifieri f'Mejju tal-2016. Il-5% *management fee* tmur lura minn din id-data sal-ġurnata effettiva tal-lum u għalhekk l-ammont ta' €860.95 ser jiġi mnaqqas mill-kontijiet dovuti lil Jason Debrincat. Dan l-ammont ikopri minn Mejju 2016 sa Mejju 2017.

Is-Segretarja nfurmat li l-Kuntrattur Carmel Xerri avviċina l-Kunsill li jixtieq jwaqqaf il-kuntratt b'effett immedjat. Dan kien fil-??? t'Awwissu. Is-Sindku nforma lill-kunsill li sakemm tingħata l-offerta tal-Latrina qed jieħu ħsieb li jiftaħha u jagħlaqha hu biex jiġu ffrankati l-ispejjeż Il-kuntrattur ġie nfurmat li nżammet il-garanzija bankarja filwaqt li ġie nfurmat ukoll dwar il-ħlas tal-*management fee*. Is-Segretarja flimkien mal-kuntrattur iċċekjaw il-latrina pubblika in kwistjoni u ġie verifikat li ngħatat lura f'sitwazzjoni tajba fejn kollox kien qiegħed jahdem. Iċ-ċwievet ingħataw lura lill-Kunsill.

## 11.5 Maintenance tal-Latrina Pubblika u estensjoni fid-data tal-għeluq tat-Tender.

11.5.1 It-tender ġiet mġedda għall-25 ta' Awwissu minħabba ċ-Ċirkulari li nħarġet mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Bħalma semma sew is-Sindku bdiet il-manutenzjoni tal-latrina pubblika u issa se jiġi l-*plumber* sabiex jibdel xi viti li jista' jkollhom bżonn jinbidlu u jiċċekja l-*flushing*.

## 11.6 Xiri ta' Bollard

11.6.1 Nistgħu nixtru Bollard normali u s-Sindku rrimarka li ma mhemmx għalfejn tkun tinqala' għaliex f' Wied Siekel hemm tnejn li jinqalgħu.

## 11.7 Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għas-servizz tal-Internet

11.7.1 Applikajna għall-Refuzzjoni tal-i*streaming* tal-internet għas-sena 2017.

## 11.8 Inizjattiva Finanzjara għal Għoti mill-ġdid ta' Tarmak lil Toroq fir-responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali.

11.8.1 Applikajna wkoll sabiex nipparteċipaw fl-inizjattiva finanzjarja għal għoti mill-ġdid ta' tarmak, fejn bgħattna l-kopja tal-kontijiet u spejjeż relatati max-xogħol ta' *patching* li sar fi Triq il-Kappillan Ħili.

## 11.9 Talba mressqa mill-Kappillan sabiex il-membri jiltaqgħu mal-Kummissjoni Żgħażagħ.

11.9.1 Is-Segretarja qrat l-ittra li rċevejna mingħand il-Kappillan u nfurmat lill-membri li nkitbet imejl bħala risposta lura fejn infurmatu li ġaladarba l-Kunsill mhux qed jiġi msemmi kemm drabi fil-ħruġ tal-bulettin ta' kull ġimgħa fejn qed jinkiteb li se ssir mill-parroċċa ma jistax ikun f'pożizzjoni li jħallas l-ammont ta' €200 fi trophies jew f'xi forma ta' ħlasijiet oħra. Iċ-Ċirkulari hija ċara li aħna nistgħu nħallsu biss għall-attivitajiet li jkunu organizzati mill-Kunsill u mhux viċi versa. Rigward l-armar tal-festa titulari, l-Kunsill ħareġ il-permess lill-parroċċa u mhux lil xi individwu. Għalhekk ġie nfurmat li huwa kompitu tal-parroċċa li tara li dawn ikunu nġabru u mhux tal-Kunsill.

Għal dan il-għan il-Kunsill qabel li għandna nimxu maċ-Ċirkulari kif ġiet moħruġa mid-Dipartiment u kif ġie spjegat sew diversi drabi, iżda xorta waħda qed joffri s-sala tal-komunita' mingħajr ħlas għall-attivita' li ser tagħmel il-Kummissjoni Żgħażagħ tal-Fontana nhar is-Sibt, 16 ta' Settembru.

## 11.10 Komunikazzjoni mall-Ministeru Għal Għawdex u laqgħa mal-aġenżija LESA

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li kitbet imejl lill-Ministru għal Għawdex fejn għamlet refernza għal-laqgħa li l-kunsill kellu magħha, b'mod partikolari għat-tweġiba li kellu jingħata l-kunsill dwar jekk hemm il-ħsieb li Triq il-Ghajn issir mill-Gvern Ċentrali fiż-

żmien qarib. Fl-eventwalita' li din mhix maħsuba li ssir mill-Gvern Ċentrali, il-kunsill talab formalment l-approvazzjoni tagħha sabiex jibda l-proċess għal xogħol ta' *resurfacing* fit-triq imsemmiha.

Is-Segretarja flimkien mal-kunsillier Horace Micallef attendew għal-laqgħa mtellgħha mill-Ministeru għal Għawdex mal-aġenzija LESA. Il-laqgħa kienet ibbażata fuq it-tindif u fuq il-fatt li jkun tajjeb li jkun hawn *Green Wardens*. Preżenti għal-laqgħa kien hemm xi Sindki, kunsilliera u segretarji eżekuttivi minn diversi kunsill, fejn kulħadd kellu ċ-ċans jitkellem dwar il-problema tal-lokalita' tiegħu.

## 11.11 Ilmenti

Mingħand Oliver Sciberras – Sabiex issir *culvert* tal-ilma biex joħroġ għall-*main road*, fi Triq il-Ghajn. Il-kunsill b'mod unanimu ma qabilx għar-raġuni li hu sqaq privat skond id-dipartiment tar-Reġistru tal-Artijiet kif kien ġie nfurmat il-kunsill meta kienet ser issir l-applikazzjoni għall-fondi Ewropej għat-tisbieħ tas-sqaqien.
Mingħand Emanuel Spiteri – Oġġezzjoni għat-twaħħil tan-*noticeboard* li twaħħlet fi Triq il-Kappillan Guzepp Hili. Il-bankina hija pubblika, pero' s-sur Spiteri qed jilmenta li jista' jkollu bżonn jagħti żebgħa lill-faċċata. Il-kunsill qabel li f'kas li s-sid ikun irid ibajjad, il-kunsill jaqlagħha u jerġa' jwaħħalha.
Mingħand Therese Attard – Talbet li jsiru *double yellow lines* mal-garaxx tar-residenza tagħha. Ser jintalab il-permess mingħand TM.
Mingħand Jeremy Cassar – Talba sabiex isir *gutter* taħt il-bankina. Il-Kunsill ma qabilx minħabba li hemmhekk jinżel ħafna ilma mill-inħawi ta' Triq il-Ghajn u Wied Siekel mill-inħawi taċ-Ċawla u Santa Dminka u jkun diffiċli għal *culvert* sabiex tilqa' l-ilma u barra minn hekk irid jitqatta' l-*porfido*.
Mingħand Mary Farrugia – Talbet li jsiru l-linji sofor quddiem il-bieb tad-dar tagħha. Il-kunsill qabel li nistasquha sew fejn tridu u jintalab permess mingħand TM.

## 11.12 Approvazzjoni tal-Estimi ta' kull kwart tas-sena

Ir-rapport tal-estimi ta' kull kwart sal-aħħar ta' Ġunju ġie ppreżentat lill-membri u għadda għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Ir-rapport ġie approvat unanimament u għalhekk ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarja fil-preżenti.

## 11.13 Ċirkulari Numru 20/2017 dwar Reġistrazzjoni skont l-Att dwar Taxxa Fuq il-valur miżjud.

Irċevejna ċirkulari b'numru 20/2017 fejn ġejna mitluba sabiex nirreġistraw ma' tat-taxxa avolja nkunu Vat Exempt. Dan sabiex il-Kunsill joħroġ riċevuti fiskali għal kull attivita' li biha l-kunsill jkun qed jirċievi ħlas.

## 11.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Il-pagamenti ġew approvati unanimament u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 11.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

Irċevejna imejl dwar *Pink Campaign, Face your fear*, fejn ġejna mitluba jekk irridux nipparteċipaw f'din il-kampanja. Il-Kunsill qabel li nipparteċipaw.

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-5.30pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 27 ta' Settembru 2017 fit-3.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**Saviour Borg**
**Sindku**

**Heidi Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**